# Il-Ħuttafa

numru 97

Marzu - April 2010

BirdLife Malta



## Qerd in-Naħal

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



**Bomblu**
naħla sufija u simpatika
ritratt ta' Victor Falzon



# Ħej Ħuttaf!

Kemm tgħidu li hu t-total ta' speċi ta' għasafar li s'issa dehru f'Malta? Ħamsin? Mija u ħamsin? Le ta, sew iktar minn hekk...

**Tliet mija u disgħin**, l-aħwa! Jien niskanta kif f'did-daqsxejn ta' gżira, fgata bin-nies u bil-bini, jista' jkun li jkollna lista daqshekk twila.

Imma hekk hu! S'intendi, ħafna mill-għasafar fil-lista huma rari immens. Hemm minnhom dehru darba biss, jew rawhom l-aħħar xi mitt sena ilu! Għalhekk l-ebda berdwoċer - lanqas l-iktar wieħed akkanit li joħroġ berdwoċing kuljum - m'għadu rahom kollha dawn l-għasafar f'Malta.

U tiskanta, kważi kull sena nżidu xi għasfur ġdid. Daqqa jkun għasfur żgħir, u daqqa jitfaċċa wieħed spettakolari, bħalma deher dan l-aħħar (araw p3). Iktar għasafar, iktar varjetà ta' ħajja: biodiversità.

U la qed insemmu l-biodiversità, hawn ftit ħowmwerk għal darb'oħra: Jekk għandkom ġnien, żidu l-biodiversità fih billi tarmaw vaska. Xejn enormi: trej tal-plastik biżżejjed. Idfnu t-trej fil-ħamrija sax-xifer, jekk ftit fid-dell aħjar. Poġġu xi żewġ ġebliet fih u mlewh bl-ilma (tal-bir jekk għandkom). Dak kollox. Jekk iżżidu flixkun kif hemm fl-istampa, l-ilma jdum iktar biex jinxef, basta l-ilma tal-flixkun iżżiduh kultant.

F'dik il-vaska jistgħu jinżlulkom l-għasafar jixorbu u jinħaslu (araw p7), żnażan jiskejzjaw fuq il-wiċċ, forsi xi gremxula tbill griżmejha - issa li bdiet in-nixfa kulħadd jaqbdu l-għatx. U jekk ma tħallux l-ilma jinxef, fih jibdew jikbru xi pjanti żgħar, u forsi jitfaċċaw ukoll bebbux tal-ilma u Ninfi (araw p11). Jekk tagħmlu dal-proġett, ħudulu ritratt u ibagħtuhulna, forsi nġibuh fil-magażin.




Victor

**Victor Falzon** l-editur




E bilħaqq! It-tweġibiet għall-ħowmwerk tal-aħħar darba kienu dawn:

**ħut = 15,400 speċi**
**amfibji = 5700 speċi**
**rettili = 8900 speċi**
**għasafar = 9000 speċi**
**mammiferi = 4700 speċi**

Jekk qallibtu l-Internet indunajtu li ħadd donnu ma jaqbel fuq it-totali: min jgħid numru u min jgħid ieħor. Dan għaliex id-dinja kbira u l-istudjużi kuljum isibu annimali ġodda, filwaqt li annimali oħrajn jisparixxu. Għalhekk impossibli tkun taf bl-eżatt. In-numri li tajniekom huma bejn wieħed u ieħor.



Il-**Qerd in-Naħal** (European Bee-eater) huwa l-iktar għasfur ikkulurit li jżur Malta. Narawh fil-pases tar-rebbiegħa u l-ħarifa, imma s-sena l-oħra bejjet ukoll f'pajjiżna! Huwa protett bil-liġi, imma ħafna kaċċaturi xorta joqtluh. Għax sabiħ! Ritratt ta' Guido Bonett.

## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| L-Għadira | 6 |
| Il-Banju tal-Vjolin | 7 |
| Mixja Mixjun! | 8 |
| Attività | 8 |
| Ix-Xagħri | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Mill-arti ta' Pau | 10-11 |
| U tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Natura fil-Lenti | 11 |

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll il-magażin Il-Ħuttafa li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1100 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, April 2010
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Denis Cachia



# Gallodzilla!

Fl-Ewwel ta' April dejjem nistennew li xi ħadd jagħmlilna ċajta, jew jagħtina aħbar li ma tkunx vera. Għalhekk meta dakinhar smajna li l-Għadira tfaċċa Gallozz Sultan, bilkemm ridna nemmnu. Imma veru kien!

Il-**Gallozz Sultan** huwa għasfur li jimpressjonak. Qisu tiġieġa kbira blu fil-vjola b'munqar goff aħmar nar u saqajn twal ħomor ukoll! Bl-Ingliż jgħidulu Purple Swamp-hen (*Porphyrio porphyrio*).

Dan l-għasfur jgħix u jbejjet f'diversi nħawi tal-Mediterran, anke f'artijiet viċin tagħna bħal Sqallija. Mhux għasfur li s-soltu jpassi, imma kultant jivvjaġġa xi ftit. U issa tfaċċa wieħed Malta. L-ewwel niżel fir-riserva naturali tal-Għadira u dam hemm ftit granet. Imbagħad tar u mar fir-riserva tas-Simar, fejn ukoll hemm ambjent tajjeb għalih.

Din kienet l-ewwel darba li deher Gallozz Sultan f'pajjiżna.

Il-Gallozz Sultan huwa għasfur mistħi u joħroġ l-iktar filgħodu kmieni jew filgħaxija ma' nżul ix-xemx. Dar-ritratt meħud l-Għadira...

Raymond Galea



...u dawn ir-ritratti huma tal-istess għasfur meta mar Is-Simar.

Bis-saħħa tal-fotografija naqsmu flimkien il-ġmiel tan-natura.

Victor Falzon



Għasfur ieħor li dan l-aħħar qanqal ħafna interess fil-berdwoċers kienet **Alwetta Qastnija**, li tfaċċat Delimara fil-bidu t'April. l-Alwetta Qastnija hija żgħira u kannella, jiġifieri mhijiex xi għasfur li fid-daqs jew fil-kulur iġiblek għajnejk wara widnejk. Imma din l-ispeċi rari ħafna li tidher Malta, u s-soltu trid tmur fid-deżert Saħara biex tarah. Għalhekk kienet rekord eċitanti għan-naturalisti tal-BirdLife.

Dan l-għasfur bl-Ingliż jismu Bar-tailed Desert Lark (*Ammomanes cincturus*) u l-aħħar li deher Malta kien fl-1969... 41 sena ilu!

Olivier Seys



Mid-dehra sewwa jgħidu li fuq tlieta toqgħod il-borma! Ukoll għall-bidu t'April, f'Ta' Ċenċ (Għawdex) deher għasfur ieħor rari ħafna għal Malta. Din kienet **Bilbla Sekonda** - għasfur żgħir minn lewn l-art u li mhux faċli tarah. Imma l-berdwoċers xorta marru jfittxuh, għax din l-ispeċi kienet ilha koċċ ma tidher Malta. Mill-1982, fil-fatt!

Il-Bilbla Sekonda hija wkoll għasfur li s-soltu tarah f'inħawi tad-deżert. Bl-Ingliż jisimha Lesser Short-toed Lark (*Calandrella rufescens*).



X'għandna mid-dinja?






# Antenati

Matthew Berger, tifel ta' 9 snin, ftit ilu, kien qed iqalleb fil-ħamrija fl-Afrika t'Isfel u sab xi għadam antik. Huwa ħaseb li kien ta' xi ċerv, imma meta rahom missieru beda jiżfen bil-ferħ! Missieru huwa paleo-antropologu, u mill-ewwel induna li dak l-għadam ma kien ċerv xejn, imma speċi antika ta' bniedem-xadin tat-tip *Australopithecus*. Komplew iħaffru fl-inħawi u sabu żewġ skeletri tal-istess speċi. Xi studjużi huma ċerti li din hija speċi ġdida, imma oħrajn għadhom mhux qed jaqblu. Hu x'inhu, huwa ċar li għad baqa' ħafna iktar studju x'isir fuq l-istorja tal-bniedem!

# Ġenna fuq l-art ...u fil-baħar



Ir-Renju Unit għadu kemm waqqaf riservi naturali enormi fil-baħar. Din hija ċ-Chagos Islands Marine Reserve u qiegħda fl-Oċean Indjan madwar iċ-Chagos Islands, grupp ta' xi 60 gżira baxxa. Dir-riserva naturali fiha medda ta' 545,000km$^2$ (ikbar mill-Baħar l-Iswed) u hija l-ikbar *marine reserve* fid-dinja.

Il-Gżejjer Chagos ma jgħixux nies fuqhom (ħlief gżira waħda) u huma ġenna tal-art tropikali, kif taraw mir-ritratt t'hawn fuq. Imma jekk l-art hija ġenna, il-baħar ta' madwarha huwa ġenna t-tripplu! F'dawn l-ibħra jgħixu iktar minn 220 speċi ta' qroll, u madwar dan il-qroll jgħixu iktar minn 1000 tip ta' ħut, minn speċi żgħar kollha kuluri, sal-*whale shark*, l-ikbar ħuta tad-dinja. Huwa wkoll wieħed mill-iktar inħawi ta' baħar nadif li jeżistu fuq il-pjaneta. Issa li dal-baħar sar riserva naturali, m'għadux jista' jsir sajd goff fih, jew li jsir tħaffir għaż-żejt.

Problema waħda baqgħalhom isolvu: li n-nies li kienu jgħixu f'dawn il-gżejjer u li kienu tkeċċew 50 sena ilu, xi darba jitħallew imorru lura f'pajjiżhom!




# Ftakar!







Dal-poster għalik jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf.

# Dragun!



Sabu gremxula ġdida, imma timmaġinawx gremxula bħal dawk li jkollna fil-ġnien: dil-gremxula twila 2m! Din hija n-**Northern Sierra Madre Forest Monitor Lizard** (x'isem twil!) u tgħix fil-foresti tal-Gżejjer Filippini. Hija każ rari ta' gremxula li tiekol frott biss, hija mgerrxa sew u tgħix l-iktar fis-siġar. U fil-fatt għalhekk l-istudjużi damu daqshekk ma indunaw biha. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Varanus bitatawa*. Imma jekk in-naturalisti skoprew l-ispeċi issa, in-nies li jgħixu f'dawk in-naħat ilhom jafu biha... għax mid-dehra jikluha wkoll!



Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)
Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta u Bank of Valletta

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Il-Gardell

**Goldfinch** *Carduelis carduelis*

Il-Gardell hu wieħed mill-għasafar magħrufin bħala tal-għana. L-isem tiegħu ġej mit-Taljan (cardellino). Fil-kulur żgur li huwa l-isbaħ wieħed minnhom. Tispikka ħafna l-maskra ħamra tal-wiċċ u l-faxx isfar tal-ġwienaħ. Il-Gardell ibejjet mal-Ewropa kollha, fl-Afrika ta' Fuq u partijiet tal-Asja. Fl-artijiet fejn tagħmel ħafna kesħa, il-Gardell ipassi. F'Malta jidher fiż-żewġ pases imma n-numru jvarja minn sena għall-oħra. Għandu munqar pjuttost irqiq ħdejn l-għasafar tal-għana l-oħra. Il-munqar jużah biex jislet iż-żerriegħa mill-pjanti tax-xewk.

Il-Gardell għandu għanja sabiħa, u minħabba fiha dan l-għasfur huwa marbut mal-ferħ. Infatti f'bosta lingwi, inkluż il-Malti, nsibu l-idjoma "hieni daqs gardell".

L-għanja u l-ilwien tiegħu wasslu biex matul iż-żminijiet il-Gardell iddaħħal f'ħafna artijiet fejn ma kienx jinstab, bħall-Awstralja, New Zealand u l-Arġentina. Illum nafu li meta f'art iddaħħal speċi ġodda mhix ħaġa ta' ġid għan-natura tal-post.




Victor Falzon

L-istampa tal-Gardell meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li ssib tixtrih (€5) mingħand il-BirdLife.

## L-iSkrepbuk tal-Fjuri

jikteb **Jeffrey Sciberras**

# L-Orkida Piramidali

- Bl-Ingliż **Common Pyramidal Orchid**
  Isem xjentifiku ***Anacamptis pyramidalis***
- Pjanta [1]perenni bil-basla. Titwal sa 20ċm. Tagħmel weraq aħdar ċar u ovali bil-vini dritti għall-ħabta ta' April. F'Mejju tagħmel fjuri roża (kull waħda qisha insetti żgħir) f'bukkett forma piramidali. Żerriegħa żgħira immens u ma tidhirx.
- L-orkidi jagħmlu fjuri forma ta' insett biex jiġbdu insetti bħal naħal u żnażan solitarji li jkunu qed ifittxu sieħba.
- Tikber fix-xagħri, fil-[2]makkja, fl-[3]isteppa, fiż-żrieżaq tat-tafal u anke f'raba' mitluq. Speċi [4]indiġena.
- Frekwenti fil-biċċa l-kbira tal-Gżejjer Maltin.

[1] **perenni**. Pjanta li tgħix diversi snin.
[2] **makkja**. Ambjent b'ħafna siġar baxxi u arbuxxelli jikbru folti f'xulxin.
[3] **steppa**. Ambjent bla siġar, b'ħamrija fqira fejn jikber l-iktar ħaxix.
[4] **indiġena**. Speċi tal-post, li ma ddaħħlitx mill-bniedem.



Arnold Sciberras







## www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin għall-berdwoċing. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf.



Aron Tanti

# L-Għadira

Il-Bajja tal-Mellieħa hija popolari għall-għawm, u fis-sajf tkun mimlija nies, storbju, traffiku, dwal u riħa ta' ċips! U jet-skis, laneċ u lajlows, u gabbani, ristoranti u lukandi.

Imma jekk taqsam it-triq issib ruħek f'post differenti ħafna. Hemmhekk hemm ħaġa li tiġbed lin-natura: hemm għadira ilma, u din l-għadira tkun hemm is-sena kollha. Fejn hemm l-ilma s-sena kollha jgħixu iktar pjanti u annimali. Din hija r-riserva naturali tal-Għadira, post imħares bil-liġi u ndukrat biex ħadd ma jidħol fih bla permess u jagħmel ħerba min-natura. Il-BirdLife ilha ħafna snin tistudja u tieħu ħsieb l-Għadira.

Il-flora u l-fawna tal-Għadira huma speċjali għax iridu jifilħu għall-ilma mielaħ li jidħol mill-baħar. Fost il-pjanti li jgħixu f'dan l-ambjent hemm ix-**Xorbett**, l-**Almeridja**, **Kromb il-Baħar** u l-**Bjanka tal-Baħar**. Hemm anke **Simar Niggież**, **Qasbet ir-Riħ**, **Siġar tal-Bruk**, **Pankrazju** u **Mentna** - dawn tal-aħħar huma żewġ fjuri rari li jikbru fir-ramel.

Fl-ilma tal-Għadira jgħix il-**Bużaqq**, ħuta rari li tħobb l-għadajjar. Din tiekol ħaxix li jikber fl-ilma u anke annimali żgħar tal-ilma, bħal bebbux u gambli. Imma l-Bużaqq irid joqgħod attent għax jista' jsib min jiekol lilu, speċjalment għasafar bħall-**Agrett Abjad**, l-**Għasfur ta' San Martin** u l-**Blonġun Sekond**. Dawn ma jgħixux l-Għadira s-sena kollha imma jgħaddu ftit ġranet, ġimgħat jew anke xhur. L-Għadira spiss jidħlu wkoll għasafar tax-xtut bħall-**Monakella**, it-**Tertuxa**, il-**Pispisella**, il-**Girwiel** u l-**Fras-servjent**. Dawn jgħixu max-xtut tal-baħar jew tal-għadajjar u jieklu dud li jtellgħu mit-tajn u r-ramel.

Is-sabiħ ta' riserva naturali hu li dawn l-għasafar ħadd ma jpoġġihom hemm, imma jiġu weħidhom!

Barra għasafar, l-Għadira jgħixu wkoll rettili bħas-**Serp Iswed**, ix-**Xaħmet l-Art** u l-**Kamaleonti**, u hemm varjetà sabiħa ta' insetti, fosthom friefet u baħrijiet. Hemm jgħix ukoll il-**Grillu tar-Ramel**, speċi rarissma f'Malta.

Ħafna minnkom forsi mortu l-Għadira ma' tal-iskola jew mal-familja. Jekk le, ħajru lill-ġenituri jew lill-għalliema joħdukom, għax l-Għadira hija waħda mill-ftit postijiet f'Malta fejn in-natura tiġi l-ewwel u l-bniedem jiġi t-tieni.



Mentna

Alex Casha



Bużaqq

Victor Falzon



Pispisella tad-Dabra

Juan Ellul Pirotta

**L-Għadira tiftaħ...**

**Għall-pubbliku** Sibtijiet u Ħdud (10am-4pm) minn Novembru sa Mejju. Dħul bla ħlas.

**Għall-iskejjel** fil-ġranet tal-iskola. Dħul bla ħlas, imma żjarat minn skejjel iridu jsiru bil-booking (21347646)

# Il-Banju tal-Vjolin

Roqgħa ilma xita f'nofs mogħdija fil-kampanja kienet biżżejjed biex dal-Vjolin Ħadrani jitnaddaf, jiffriska u jixxala! Ritratti ta' Victor Falzon.

















# Imxejna mixja mixjun!

Il-Mixja Maratona Marret Meravilja! Did-darba ħadna rotta ġdida. FL-14 Marzu 2010 iltqajna taħt is-Saqqajja (r-Rabat), u meta nġabar kulħadd tlaqna nimxu fid-direzzjoni tas-Siġġiewi. It-triq kienet sabiħa u faċli, u t-temp kien perfett.

Matul il-mixja kellna spettaklu sabiħ ta' Bgħadan Ħomor iduru fuq rasna. Dawn huma ajkli żgħar li fir-rebbiegħa jgħaddu minn pajjiżna fil-maratona tagħhom mill-Afrika għall-Ewropa! Minbarra bgħadan, dakinhar rajna wkoll Daqquqa tat-Toppu, Spanjulett, Pitirrossi, Zizka Bojod, Buċaqq tax-Xitwa u anke Bekkaċċ.

U rajna wkoll xi Runduni! Ir-Rundun kien l-għasfur speċjali tal-mixja, għax il-flus li ġabru l-membri għall-mixja se jintużaw proprju biex nibnu kaxxi apposta ħalli nħajru iktar Runduni jbejtu f'Malta.

Wara waqfa qasira, il-mixja kompliet qalb il-kampanja, ġbidna lejn l-irdum fejn erġajna waqafna ftit u tqassam xi frott lil kulħadd. Komplejna lejn l-inħawi ta' Ħaġar Qim, imbagħad imxejna lejn il-Qrendi u spiċċajna Il-Maqluba, fejn il-membri għamlu ċart kbira bir-Rundun. Imbagħad saru xi intervisti minn ġurnalisti, tqassmu rigali lil min attenda u l-attività spiċċat.

Għal dil-mixja nġabru b'kollox €1115. Klabb Ħuttaf u l-BirdLife jirringrazzjaw lil dawk kollha li għenu biex tinġabar dis-somma (ara l-lista). Grazzi wkoll lil-Leaders kollha li taw daqqa t'id biex kollox imur ħarir.

Għall-mixja dis-sena konna b'kollox 153 ruħ. U żewġt iklieb!

Claude Abela • Meagan Abela • Joanne Axiaq • Emily Azzopardi • Giancarlo Azzopardi • Jurgen Azzopardi • Carin Barbara • Kathryn Bianco • Massimo Bonello • Sacha Bonello • Sarah Bonnici • Martina Borg • Michael Borg • Thea Borg • Luca Bruno • Glenn Noel Buhagiar • Trudi Buhagiar • Gabriele Cachia • Abigail Camilleri • Charlene Camilleri • Jake Camilleri • Matteo Camilleri • Oriana Camilleri • Kirsty Cassar • Daniel Cherrett • Jasmine Cilia • Logan Crane • John Critien • Marika Cutajar • Victoria Cutajar • Leah De Leonardo • Thomas De Martino • Aisha Elsadi • Noor Elsadi • Noah Fabri • Kevin Farrugia • Analise Fenech • Jake Fenech • Maja Herrera • Omar Kassab • Jacqueline Licari • Rebecca Mallia • Luca Mangion • Mario Mercieca • Emma Micallef • Luke Micallef • Nicola Micallef • Steve Micallef • Timonthy Micallef • Marija Cristina Montebello • Gavin Muscat • Lina Muscat • Maria Nappa • Matthew Nappa • Enwar Oulaiwi • Gabriel Pace • Sarah Pace Bonello • Ronald Pavia • Matthew Pavia • Jessica Pavia • Askya Pizzuto • Ayisha Sacco • Jordan Sant • Familja Sciberras • Johann Seychell • Mohammed Shurrab • Maya Spiteri Dalli • Alessia Stivala • Francesca Vassallo • Mia Vassallo • Kathryn Vella • Fatheya Yassine

John Borg

## U issa jmiss li ninżlu niżla sal-

# Buskett

Naħseb kollha mortu l-Buskett. Mal-familja, ma' tal-klassi, xi ħajk mal-ħbieb. Imma kos tinżel kemm tinżel f'dak il-wied kollu siġar, frisk u dellijiet, qisu qatt mhu biżżejjed hux! Aħna wkoll hekk inħossuna. Wara kull siġra donnu dejjem hemm xi sorpriża sabiħa tan-natura tistenniena nsibuha. Xi sigriet ġdid li qatt ma rajna qabel. Xi ħoss misterjuż. Insomma, aħna ħa mmorru s'hemm. **Titħajru tiġu magħna?**




Oldrich Mikulica

It-Tajra Safra hija għasfur li nistgħu naraw il-Buskett.



## dettalji

data **il-Ħadd 9 Mejju 2010**
niltaqgħu **Taħt it-Tinda, Buskett**
ħin **8.30am - 11am**
ġibu jekk għandkom **tromba, gajd, nowtbuk**
merħba **membri* tal-Klabb, familja u ħbieb**




*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.




Fir-ritratt tidher medda sabiħa ta' xagħri li qiegħda fuq l-għolja tal-Marfa, ħdejn Foresta 2000. Dawk l-arbuxxelli bil-fjuri sofor huma Tengħud Malti, pjanta [1]endemika li hawnhekk tikber komuni. Fil-bogħod tidher ukoll Kemmuna, li wkoll fiha meded sbieħ ta' xagħri.

# Ix-Xagħri

Wara li dawritna mal-ambjenti tad-dinja, ELISABETH CONRAD ġġibna lura Malta u tgħallimna ftit fuq l-ambjenti differenti ta' pajjiżna stess.

## Komuni

Ix-xagħri huwa ambjent naturali komuni fil-Gżejjer Maltin. Huwa ambjent tipiku ħafna tal-Mediterran, u jinstab f'postijiet bi klima li mhix ħarxa u li hi niexfa fis-sajf, u fejn il-blat huwa [2]kalkarju, bħas-saffi ewlenin tal-blat Malti.

## Toqob, xfar u ponot

Ix-xagħri jikber fuq art bi blat mikxuf, speċjalment fuq il-Blat tal-Qawwi. Din it-tip ta' art jgħidulha karst: wesgħat ta' blat li jkun fihom ħafna toqob, xfar, ponot u ħofor. Il-karst jifforma bl-effett tal-ilma tax-xita fuq il-blat kalkarju. L-ilma tax-xita jiġbor is-$CO_2$ mill-arja u mill-ħamrija u b'hekk isir ftit aċiduż. Dan l-ilma aċiduż imermer il-minerali fil-blat. Jiffurmaw forom differenti għax fi blata waħda nsibu diversi tipi ta' minerali, li mhux kollha jittieklu bl-istess rata. Il-fdalijiet tal-blat li ma jinħallux jinġemgħu fix-xquq u fil-ħofor u biż-żmien isuru rqajja ħamrija. Bl-Ingliż ix-xagħri jgħidulu **garrigue** (proprjament hija kelma Franċiża!)

## Mhux ambjent faċli

Fuq dan il-blat jikbru pjanti tipiċi tax-xagħri, fost dawn is-**Sagħtar**, it-**Tengħud Malti**, l-**Għansar** u l-**Erika**. Ħafna pjanti tax-xagħri jikbru baxxi mal-art. Dan għaliex ix-xagħri mhuwiex ambjent faċli għall-pjanti. Mhux biss hemm ftit ħamrija, imma dawn l-inħawi huma spiss mikxufin ħafna għar-riħ.




Il-Fenek Selvaġġ ma tantx jiffansjaha t-togħma tal-pjanti aromatiċi!

Barra minn hekk, tinsewx in-nixfa twila tas-sajf Malti! Xi pjanti jadattaw billi jkollhom il-basal taħt l-art biex ikampaw waqt l-istaġun niexef, bħalma jagħmlu l-**orkidi**. Pjanti oħrajn huma [3]annwali, bħal **Demm il-Madonna**, li jħaddru fl-istaġun tax-xita u jħallu biss żerriegħa għas-sajf. Il-pjanti li jħaddru s-sena kollha għandhom ukoll diversi modi kif ikampaw mas-sajf, per eżempju weraq sukkulenti biex jaħżnu l-ilma, jew weraq żgħar u ta' forma u materjal li jnaqqsu it-telf tal-ilma.

Ħafna pjanti tax-xagħri huma wkoll aromatiċi, li fil-weraq ikollhom żjut b'riħa qawwija. Lilna jogħġbuna ħafna minn dawn l-irwejjaħ u anke nħawru l-ikel tagħna bihom, imma l-annimali bil-maqlub: ir-riħa tal-pjanti aromatiċi ddejjaqhom u jevitaw li jieklu l-weraq.

Minħabba li x-xagħri huwa ambjent komuni f'Malta, forsi ma tantx nagħtu kaz il-valur tiegħu, però meta terġgħu toħorġu fil-kampanja, araw li tapprezzaw ftit il-ġmiel u r-rikkezza ta' pjanti li jikbru f'dan l-ambjent naturali.




Mappa ta' fejn hemm xagħri fil-Gżejjer Maltin, bl-ismijiet ta' xi postijiet.

[1]**endemiku.** Annimal jew pjanta li tinsab biss f'reġjun u mkien iktar fid-dinja.
[2]**kalkarju.** Blat kalkarju jkun magħmul fil-biċċa l-kbira minn ġir (bl-Ingliż *limestone*).
[3]**annwali.** Pjanti li jgħixu ċ-ċiklu ta' ħajjithom f'sena waħda.

# Nilagħbu tikka!

ma' Janet u Amy Gerardi

Konna mixjin fil-kampanja u sibna karta b'xi kliem miktub fuqha. Jidher li minn kitibhom uża xi forma ta' kodiċi, però waħda minnhom kellha l-kelma mikxufa. Tgħid biżżejjed biex insibu x'inhuma l-kelmiet l-oħrajn kollha?

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | G | B | E | W | | | | |
| S | G | V | E | W | | | | |
| S | A | N | U | Għ | M | | | |
| U | N | G | J | Ċ | | | | |
| Ċ | Q | N | W | P | | | | |
| X | A | X | X | Q | T | Q | | |
| B | W | N | B | A | P | P | | |
| J | A | IE | Q | O | W | | | |
| J | W | J | J | W | Ħ | K | I | W |
| X | N | G | IE | X | W | | | |
| T | W | E | W | P | | | | |
| IE | W | N | U | A | L | L | | |
| J | W | F | I | W | | | | |
| U | Q | J | U | W | J | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| Ġ | U | R | A | T | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Għ | Ħ | H | I | IE | J | K | L | M | N | O | P | Q | R | S | T | U | V | W | X | Ż | Z |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ġ | | | | | | | | | | | | | | | R | | T | U | | | | | | A | | | |

# GALLERIJA



**arkeopteriks**
miguel borg 10



**debba tax-xitan**
karl camenzuli



**buda**
chaanah muscat 13



**għakreb**
gabriel bugelli 13



**lovebird**
jake pace 10

Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu. Basta tan-natura...

## Mill-arti ta' PAU



# U TGĦIDX ĦMERIJIET!

Nisimgħu ħafna ħmerijiet fuq in-natura. F'dis-sensiela, DESIRÉE FALZON iddur dawra ma' ftit minnhom.



Victor Falzon




Il-ġilda tal-kamaleonti magħmula minn ħafna rqajja' żgħar ta' kuluri differenti. Huwa juża dawn l-irqajja' biex ibiddel il-kulur tal-ġilda tiegħu ħalli jiġi jaqbel mal-ambjent ta' madwaru. Dan jagħmlu billi jkabbar u jċekken l-irqajja' skont il-kulur u d-disinn li għandu bżonn. Bis-saħħa ta' dat-trikk, il-kamaleonti jkollu kamuflaxx tajjeb u jaqbad ħafna insetti għax ipoġġu viċin tiegħu u ma jarawhx. Il-kamuflaxx jgħin ukoll lill-kamaleonti biex jistaħba mill-għedewwa tiegħu. Imma l-kamaleonti m'għandux il-kuluri kollha tal-qawsalla: il-ġilda tiegħu tvarja minn safrani għal aħdar ċar, u ġieli jaqleb aħdar skur, kważi iswed b'xi tbajja' safranin. Peress li jgħix fis-siġar jew fix-xagħri, l-aħmar m'għandux bżonnu f'dawn l-ambjenti. Imma b'daqshekk ma jfissirx li jekk kamaleonti joqgħod fuq xi ħaġa ħamra ħa jmut! U lanqas mhu ħa jwerżaq, jintefaħ, itirlu d-demm, jaqagħlu denbu jew jisplodi!

## Natura fil-Lenti

**F'Malta jgħixu eluf ta' speċi ta' annimali, imma ħafna minnhom huma żgħar. F'dir-rokna nressqu l-lenti lejn xi ntietef naturali.**

In-Ninfa hija insett żgħir. Forsi għall-ewwel taħsibha nemusa, imma jekk tħares sew tinduna li hija differenti. Biss biss fit-tarf ta' ġisimha għandha qishom żewġ xagħriet twal. In-Ninfa (bl-Ingliż mayfly) kważi dejjem taraha viċin xi ġibjun, vaska jew għadira tal-ilma ħelu. Dan għaliex in-Ninfa tbid fl-ilma u l-frieħ tagħha jgħixu taħt l-ilma. Il-ferħ idum xhur jikber, u meta fl-aħħar isir adult għandu xorti jgħix iktar minn ġurnata! F'dik il-ġurnata n-Ninfa trid ittir, issib sieħeb, issib vaska bl-ilma u tbid il-bajd.



Desirée Falzon

Jekk tafu b'xi vaska tal-ilma ħelu, osservaw ftit il-ħajja fl-ilma u forsi taraw xi frieħ tan-Ninfa. Il-frieħ ikollhom tliet xagħriet f'tarf ġisimhom (mhux tnejn).

### in-Ninfa



Victor Falzon



# Bank of Valletta




Propju ftit tal-ġimgħat wara li konna ltqajna fl-okkażżjoni tal-'World Wetlands Day', kien imiss il-Maratona ta' ħdax-il kilometru. Din l-attività, li issa saret tant tkun mistennija minnkom it-tfal, kull ma tmur qegħda dejjem aktar tikber fil-popolarità.

Bħal fi drabi oħra, il-ġbir li jsir għal din l-attività imur b'risq kawżi ambjentali. Din is-sena l-fondi ntużaw biex jinxtraw kaxxi magħmulin apposta sabiex iservu ta' bejtiet għar-Rundun.

F'dawn l-aħħar snin, ir-Rundun reġa' beda jbejjet f'pajjiżna, wara nuqqas ta' bosta snin. Peress li dan l-għasfur spiss ibejjet f'postijiet fil-qalba tal-ibliet u l-irħula, in—'Nest Boxes' se jitpoġġew f'diversi bini għoli madwar Malta u Għawdex. B'hekk aħna wkoll inkunu għamilna l-parti tagħna biex inkomplu nħajru lil dan l-għasfur iżur pajjiżna aktar ta' spiss u jqatta' aktar ħin magħna.

Ir-Rundun huwa għasfur maħluq għall-ajru. Dan jgħaddi tista' tgħid ħajtu jtir. Saħansitra anke jaf jorqod waqt li jtir! Meta jtir, il-ġwienaħ tiegħu jidhru twal u rqaq, l-għamla ta' qaws. Jista' jingħaraf mit-twerżiqa rqiqa u għolja tiegħu. Ir-Rundun iħobb itir ma' sħabu, u waqt li jkunu għaddejin spiss jgħajtu lil xulxin, insomma iħobb jgħid kelma bħalna. Bl-Ingliż dan l-għasfur jgħidulu *Swift*.

Lura għall-mixja. Għalkemm it-temp kien xitwi, ħadt gost nara parteċipazzjoni kbira ta' tfal li ġew b'tant ħeġġa s-Saqqajja ġewwa r-Rabat. Minn hawnhekk irħejnielha għat-triq li tagħti għas-Siġġiewi. Għaddejna wkoll minn ħdejn it-Tempju majjestuż ta' Ħaġar Qim. Il-mixja intemmet ħdejn il-Kappella ta' San Mattew eżattament fuq il-Maqluba fid-daħla tal-Qrendi.

Din il-maratona kienet organizzata mill-Klabb Huttaf bil-parteċipazzjoni tal-Bank of Valletta. Din serviet ukoll ta' opportunita' biex naraw tipi differenti t'għasafar jittajru fuq id-diversi nħawi li għaddejna minnhom. Dan minbarra d-diversi Flora u Fawna, li hi mżewqa bihom il-kampanja Maltija.

Nixtieq nagħlaq din ir-rokna billi ngħaddi kelmtejn ta' tifħir u ringrazzjament lilkom it-tfal li bil-parteċipazzjoni u l-entużjażmu tagħkom irnexxielkom tissuperaw is-somma sabiħa ta' aktar minn €1,000.

Ċikkurillu


Bank of Valletta

Impenn lejn is-Suċċess tiegħek

www.bov.com 2131 2020

Maħrug mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta